**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 5 ta' Gunju, 2018

Rikors Nru : 353/17 AL

AB
vs.
CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi l-partijiet izzewgu fil-hmistax (15) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u sitta u tmenin (15.03.1986), hekk kif jidher mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok 'A', u minn dan iz-zwieg il-partijiet adottaw lil binthom, POB illi twieldet nhar id-dsatax ta' Awissu tas-sena elf disa' mija u disghin (19.08.1990), illum maggorenni u finanzjarjament indipendenti, hekk kif jirrizulta mic-certifikati tat-twelid hawn annessi u mmarkati Dok 'B'.

2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt datatat sitta ta' Gunju tas-sena elfejn u sbatax (06.06.2017) mill-Onor. Imhallef Robert G.Mangion, hekk kif idher mid-dokument anness bhala Dok 'C'.

3. Il-partijiet qablu li huma ilhom separati de jure sa minn Gunju 2017 u de facto minn Awissu tat-2011 u ghaldaqstant ilhom aktar minn sitt (6) snin separati.

4. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom *stante* li l-partijiet ilhom sitt snin mifrudin.

5. Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut f'dan l-istadju *stante* li l-partijiet iddikjaraw illi huma qieghdin jirrinunzjaw reciprokament ghad-dritt illi jesigu manteniment minghand xulxin u dan skond paragrafu 5 tal-kuntratt ta' separazjoni.

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, il-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie ccelebrat fil-15 ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u sitta u tmenin ( 15.03.1986) bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' Settembru 2017;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-6 ta' Gunju 2017, izda ilhom de facto separati minn Awwissu 2011;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.